

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5094 — Nokia/Trolltech)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 112/19)

1. Fl-24 ta' April 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Nokia Corporation ("Nokia", tal-Finlandja) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ ta' l-impriża Trolltech ASA ("Trolltech", tan-Norveġja) permezz ta' offerta pubblika fit-28 ta' Jannar 2008.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Nokia: tagħmir, soluzzjonijiet u servizzi għan-netwerks ta' komunikazzjoni,

— għal Trolltech: l-iżvilupp u l-forniment ta' l-għodod għall-iżvilupp tas-software.

3. Fuq eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5094 — Nokia Trolltech, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.